# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 20**

**Rikors numru 67/14 JPG**

**Michael Zammit**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana, Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali; u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2017 l-isem "Kontrollur tad-Dwana" gie mibdul biex jaqra "Direttur Generali (Dwana)"**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-intimati d-Direttur Generali (Dwana), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali [l-intimati], mis-sentenza moghtija fit-8 ta' Frar 2019 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-

intimati u laqghet it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent, iddecidiet kif gej:

> *"1. Tiddikjara li l-Artikoli 68 u 72(4) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu hekk kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu Wiehed ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*
>
> *"2. Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq tar-rikorrent, u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan sa fejn hu kompatibbli ma' din is-sentenza;*
>
> *"3. Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, illedu d-dritt tar-rikorrent ghar-rimedju effettiv skond Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
>
> *"4. Tordna illi fil-kaz illi l-partijiet jilhqu kompromess barra l-Qorti ai termini tal-Artikoli precitati, l-intimati ghandhom jirrilaxxaw a favur tar-rikorrent il-garanzija bankarja maghmula minnu fis-somma ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000).*
>
> *"L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu in kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-intimati, u in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mir-rikorrent."*

<u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrent Michael Zammit [ir-rikorrent] hu proprjetarju ta' dghajsa bl-isem '*Jane S'* [id-dghajsa]. Fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Dicembru 2008, hu kien gie mwaqqaf bid-dghajsa tieghu mill-ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta fil-Port il-Kbir, Valletta. Hu ttiehed mill-Pulizija Ezekuttiva biex jigi investigat, filwaqt li d-dghajsa giet maqbuda mill-intimat il-Kontrollur tad-Dwana llum Direttur Generali (Dwana) [l-intimat Direttur] permezz tan-

nota ta' qbid 27/2009 tal-11 ta' Marzu 2009. Kemm il-Pulizija u wkoll id-Direttur sostnew li r-rikorrent Zammit kien qed igorr 500 mitt pakkett sigaretti fuq id-dghajsa izda r-rikorrent innega dan tant li b'ittra tas-16 ta' Marzu 2009 talab li jinghata lura d-dghajsa. Din l-ittra giet segwita bi proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' rikors intavolat fit-23 ta' Marzu 2009 li sar ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta). Sadanittant id-dghajsa giet rilaxxjata lilu mill-intimat Direttur kontra garanzija ta' €45,000.

Mertu

3. Illi r-rikorrent Zammit fetah dawn il-proceduri fejn talab lill-ewwel Qorti:

*"1. Tordna s-soprasessjoni tal-proceduri fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Malta) fl-ismijiet 'Il-Pulizija [Spettur Jonathan Ferris] vs Michael Zammit' (Mag. Ian Farrugia) u dan sakemm din il-Qorti tiehdu decizjoni dwar l-kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali.*

*"2. Tiddikjara li l-Artikoli 68 u 72(4) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, iledu d-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu hekk kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu Wiehed ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*"3. Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, iledu d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq tar-rikorrent, u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*"4. Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-*

*Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, iledu d-dritt tar-rikorrent ghar-rimedju effettiv skond Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*"5. Tordna, konsegwentament, li garanzija bankarja, deskritta hawnfuq, ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000), imposta ai termini tal-Artikolu 72(4) tal-Kap. 37 titnehha.*

*"6. Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' drittijiet fondamentali tal-esponent.*

*"dan taht dawk il-provedimenti li jidhriha xierqa u opportuni."*

4. L-intimati fir-risposta taghhom eccepew li preliminarjament (a) ir-rikorrent Zammit ma ezawriex ir-rimedji ordinarji; fil-mertu (b) ic-cirkostanzi odjerni jaqghu fl-ambitu tal-eccezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]; (c) il-konfiska tad-dghajsa m'ghandhiex titqies bhala mizura sproporzjonata fic-cirkostanzi, izda jekk l-ewwel Qorti jidhrilha li kien hemm ksur allura dikjarazzjoni ta' tali ksur kienet sufficjenti.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. Is-sentenza appellata qieghda tigi annessa bhala Appendici A.

<u>L-appell tal-intimati</u>

6. L-intimati appellaw mid-decizjoni tal-ewwel Qorti permezz ta' rikorsipprezentat fit-28 ta' Frar 2019, fejn talbu r-revoka tas-sentenza appellata. Huma ressqu s-segwenti aggravji: [A] l-ewwel Qorti ma qiesitx l-

improponibilita` tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghaliex il-penali moghtija lir-rikorrent Zammit kienet konsegwenza ta' ksur ta' ligi u l-Kap. 37 f'kwalunkwe kaz ma setax jintlaqat mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; [B] l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddecidiet li r-rikorrent kien ezawrixxa r-rimedji ordinarji; [C] minghajr pregudizzju ghall-aggravji ta' qabel, l-ewwel Qorti ma gharfitx l-ghan wara d-dispozizzjonijiet tal-ligi li kien qed jattakka r-rikorrent; [D] l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ordnat li l-intimati ghandhom ikunu responsabbli ghal 90% tal-ispejjez gudizzjarji.

<u>Ir-risposta tal-appell tar-rikorrent Zammit.</u>

7. Ir-rikorrent Zammit ipprezenta r-risposta tieghu fis-27 ta' Marzu 2019, fejn wiegeb hekk ghall-aggravji mressqa mill-intimati: [A] il-para. (b) tas-subartikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex il-konfiska tad-dghajsa kienet tassattiva fil-ligi u b'hekk ma tikkostitwixxix penali. Dwar is-sottomissjoni tal-intimati li l-Kap. 37 ma jistax jintlaqat mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrent Zammit isostni li l-argument ma setax iregi ghaliex dik l-Ordinanza giet emendata diversi drabi wkoll wara t-3 ta' Marzu 1962 u sahansitra l-Kap. 382 dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1995. L-intimati ssottomettew ukoll li l-ewwel Qorti skartat dak li jipprovdi ghalih il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll; ir-rikorrenti jghid izda li ghall-kuntrarju l-ewwel Qorti ghamlet ezami fil-fond

tieghu u sahansitra gharfet li l-Istat kellu dritt izda fil-limiti Konvenzjonali u Kostituzzjonali; [B] fic-cirkostanzi m'hemm l-ebda rimedju ordinarju li jista' jigi meqjus bhala sufficjenti; [C] kien johrog car mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti qieset sew is-serjeta` tal-allegat ksur tal-ligijiet doganali izda l-element ta' proporzjonalita` kellu jigi segwit mil-legislatur; [D] galadarba l-ewwel Qorti sabet ksur allura l-intimati ghandhom jibqghu responsabbli ghall-hlas ta' 90% tal-ispejjez.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-intimati u wkoll ir-risposta pprezentata mir-rikorrent bi twegiba ghall-appell tal-intimati.

*It-tieni aggravju tal-intimati [l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qieset li r-rikorrent kien ezawrixxa r-rimedji ordinarji]*

9. L-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx sew dak li huma kienu qeghdin jissottomettu quddiemha, jigifieri li r-rikorrent kellu rimedju permezz tal-proceduri kriminali li ghad ma kinux decizi u li minnhom hu ghad jista' jintavola appell. Minn hemm huma jghaddu sabiex jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza tal-qrati in sostenn tal-argument taghhom

li ghandhom jigu applikati s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2)tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Ir-rikorrent minn naha tieghu jissottometti li l-proceduri kriminali ma jistghux jigu meqjusa bhala rimedju ordinarju effettiv ghalih. Ikompli jghid li dan l-argument lanqas biss ma tressaq quddiem l-ewwel Qorti u f'kwalunkwe kaz m'hemm l-ebda rimedju ordinarju fic-cirkostanzi. Jispjega li kif sahansitra osservat l-ewwel Qorti, ir-rimedju moghti lilu permezz tal-Artikolu 16A tal-Kap. 382 ma jistax jitqies bhala wiehed effettiv ghaliex dan kien ser iwassal sabiex hu jitlef garanzija bankarja ta' €45,000, jigifieri somma ferm akbar minn dak li kien dovut minnu f'dazju, dazju tas-SISA u VAT. Dwar il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu, ir-rikorrent jghid li kif kien jidher mill-kawza odjerna, dawn gew istitwiti sahansitra erba' snin wara l-allegat reat u ma setghux jigu meqjusa bhala rimedju effettiv ghaliex (a) ma kienx jaf jekk kinux ser jigu istitwiti; (b) ma kellu l-ebda kontroll fuq jekk ghandhomx jigu istitwiti jew le.

11. L-ewwel Qorti, wara li kkonsidrat dak li jipprovdi ghalih l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u wkoll il-gurisprudenza kostanti tal-qrati b'setgha kostituzzjonali, irrilevat li kien hemm bzonn li tfittex biex tara jekk jezistix rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent li kien wiehed xieraq u li kien jaghti tama ta' ezitu favorevoli. Ikkonsidrat l-argumenti migjuba miz-zewg

partijiet dwar l-eccezzjoni maghmula mill-intimati dwar in-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji u fost osservazzjonijiet ohra qalet li l-intimati naqsu milli jindikaw liema kienu r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli ghar-rikorrenti, wisq anqas dawk ir-rimedji effettivi li bihom ma kellu l-ebda htiega li jintavola dawn il-proceduri. B'hekk cahdet dik l-eccezzjoni.

12. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li s-sitwazzjoni li jinsab fiha r-rikorrent illum hi li hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu rigward is-sejba tas-sigaretti u li dawn il-proceduri huma weqfin pendenti l-proceduri odjerni. Inoltre, jirrizulta *ex admissis* mill-istess rikorrent li l-proceduri kriminali kienu gew istitwiti erba' snin wara l-fatt imputat lilu peress li l-intimat kien qieghed jistenna' li jidhlu fis-sehh l-emendi fil-ligi li setghu kienu favorevoli ghall-istess rikorrent. Wara li r-rikorrent kien intavola proceduri civili b'ezitu negattiv, huwa issa jixtieq li jibbenefika mill-ghazla li jaghtih l-Artikolu 16A tal-Kap.382, izda jekk jaghmel hekk u jammetti dak imputat lilu, xorta wahda jitlef il-garanzija ta' €45,000 li hu kien taha lill-intimat Direttur sabiex jigi rilaxxjat il-bastiment.

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 16A jikkontempla mezz kif persuna fil-pozizzjoni tar-rikorrent tista' tammetti dak allegat fil-konfront tieghu mid-Direttur intimat u b'hekk tevita li jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha. Ghalhekk jispetta lil dik il-persuna li tikkonsidra

jekk taghmilx uzu minn dak l-artikolu jew le, b'mod li jekk, bhal fil-kaz prezenti, ir-rikorrent ma joghgbuhx il-kondizzjonijiet ghall-applikazzjoni tieghu, allura hu jibqa' liberu li jikkontesta l-proceduri kriminali migjuba kontra tieghu. *Aliter* li kieku l-imsemmi artikolu tal-ligi kien qed jigi impost fuqu, li mhuwiex il-kaz.

14. Fit-tieni lok, il-Qorti tissenjala li fil-kaz odjern il-proceduri kriminali ghadhom pendenti, u li dawn gew sospizi pendenti l-ezitu tal-proceduri odjerni. Dan hu zbaljat. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-proceduri kriminali ghandhom jitkomplew ghax jekk jigi liberat mill-akkuzi l-konfiska tal-flus ma ssehhx u allura r-rikorrent ma jkollux aktar interess guridiku jew status ta' vittma biex jistitwixxi proceduri kostituzzjonali.

15. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi jirrizulta manifest ghal din il-Qorti li l-proceduri kostituzzjonali odjerni huma intempestivi stante li ghadhom ghaddejjin proceduri kriminali.

16. Ghaldaqstant tqis dan l-aggravju bhala gustifikat u qed tilqghu. Fic-cirkostanzi, ladabarba intlaqa' dan l-aggravju mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni aktar tal-aggravji l-ohra, salv ghar-raba' aggravju.

*Ir-raba' aggravju tal-intimati: [m'ghandhomx jigu kkundannati ghall-ispejjez]*

17. L-intimati qeghdin isostnu li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ordnat li huma kellhom ibatu 90% tal-ispejjez gudizzjarji. Dawn fil-fehma taghhom kellhom jithallsu fl-intier taghhom mir-rikorrent. Ir-rikorrent minn naha tieghu jikkontesta dan l-aggravju billi jghid li galadarba l-ewwel Qorti sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, kien sew li l-intimati jbatu 90% tal-ispejjez gudizzjarji.

18. Stante li jirrizulta li t-tieni aggravju tal-intimati qed jigi milqugh, ir-raba' aggravju huwa gustifikat u wkoll qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-intimati billi tilqghu u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li tikkundanna lir-rikorrent ihallas l-ispejjez kollha kemm tal-ewwel istanza u wkoll ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm

# Appendici A

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 67/14, fl-ismijiet **Michael Zammit v. Kontrollur tad-Dwana et** deciza fit-8 ta' Frar 2019 qieghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Appendici A.